# MALTA

## QORTI CIVILI
## PRIM'AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## SILVIO MELI

**LL.D.; Dip. Stud. Rel.; Dip. Can. Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert. Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Illum is-27 ta' Novembru, 2018.**

**Rikors Numru 663/2010 SM**

***Windsor Holdings Limited***
**(C – 11422)**

**vs.**

**Arkitett Raymond Vassallo**
**(I.D. 107544 M) u martu**
**Mariella Vassallo (I.D. 2649 M)**

Il-Qorti,

1.0. Rat ir-rikors guramentat promotur datat l-1 ta' Lulju, 2010, li permezz tieghu r-rapprezentant tas-socjeta` rikorrenti sintetikament espona is-segwenti, (ara foll 1):

1.1. Illi sat-3 t'Awwissu, 2007, is-socjeta` rikorrenti kienet proprjetarja tal-fond numru 44, *Regent House*, Triq Bisazza, Tas-Sliema;

1.2. Illi l-intimat Raymond Vassallo ghandu jaghti s-somma ta' sittax -il elf sitt mija u tlieta u ghoxrin euro u erba' centezmi, (€16,623.04), lis-socjeta` rikorrenti, bilanc minn somma akbar fuq kont kurrenti mizmum mis-socjeta` rikorrenti f'isem l-intimat, u dan:

1.2.1. Ghall-uzu ta' spazju ghall-ufficcji fil-fond indikat fil-paragrafu precedenti;

1.2.2. Ghal sehem relattiv tal-ispejjez relatati mal-istess;

1.2.3. Ghal imghaxijiet dekorsi sat-30 ta' Gunju, 2010;

1.3. Illi l-intimata Mariella Vassallo hi kompartecipi fil-komunjoni tal-beni ezistenti bejnha u l-intimat Raymond Vassallo;

1.4. Illi ghalkemm interpellati biex ihallsu l-ammont dovut fuq indikat lis-socjeta` rikorrenti, l-intimati baqghu inadempjenti;

1.5. Illi ghalhekk aderiet din il-qorti biex is-socjeta` intimata jkollha l-opportunita` tghid ghaliex din il-qorti m'ghandiex:

1.5.1. Tiddikjara li l-intimati ghandhom jaghtu s-somma ta' €16,623.04 lis-socjeta` rikorrenti kif fuq spjegat;

1.5.2. Tikkundanna lill-intimati biex ihallsu l-ammont indikat fil-paragrafu precedenti lis-socjeta` rikorrenti;

1.5.3. Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet ulterjuri dovuti mill-intimati kif dedotti fl-istess rikors guramentat promotur;

2. Rat id-digriet taghha diversament preseduta datat is-7 ta' Lulju, 2010, li permezz tieghu appuntat l-istess procedura ghas-smigh ghall-udjenza hemm indikata, (ara foll 3);

3.0. Rat ir-risposta guramentata datata l-5 t'Ottubru, 2010, li permezz taghha l-intimati sintetikament irrispondew bil-mod segwenti ghat-talbiet tas-socjeta` rikorrenti, (ara foll 7):

3.1. Illi l-azzjoni intavolata mir-rikorrenti hi improponibbli u ghalhekk, nulla, minhabba difett fl-awtorizzazzjoni u b'hekk, frawdolenti;

3.2. Illi *di piu`* l-istess rikors promotur hu wkoll null ghaliex mhux sufficjentement car;

3.3. Illi l-ammont pretiz mhux dovut ghaliex l-intimati huma azzjonisti u/jew diretturi f'erba' (4) socjetajiet li ghandhom ufficcju registrat fil-fond in dizamina;

3.4. Illi Anthony Parlato Trigona, ufficjal iehor tas-socjeta` rikorrenti, kien juza l-ufficcji fl-istess fond in kwistjoni fil-kapacita` tieghu *"free-lance"* anke bl-ghoti ta' servizzi ta' hrug ta' "*visas"* ghat-Tailandia;

3.5. Illi ghalhekk hemm kollizjoni bejn William Carbonaro u Parlato Trigona f'dan ir-rigward;

3.6. Illi l-pretensjoni tas-socjeta` rikorrenti qed tigi kkontestata;

3.7. Illi l-azzjoni intavolata kontra l-intimati hi diskriminatorja u selettiva;

3.8. Illi l-kotba tas-socjeta` rikorrenti kienu jinzammu mill-imsemmi Parlato Trigona;

3.9. Illi kien biss fl-2008 li l-intimati bdew jissusspettaw li kienu qed jigu allokati debiti kontra taghhom;

3.10. Illi l-"*accounts*" li ghalqu fil-31 ta' Dicembru, 2007, ma gewx approvati;

3.11. Illi l-awdituri ikkonfermaw li l-intimati kienu qed jigu addebitati ammonti indebitament;

3.12. Illi l-pagament pretiz mis-socjeta` rikorrenti hu wiehed arbitrarju;

4.0. Rat il-kontro-talba tal-intimati annessa mar-risposta tal-istess fuq sintetikament esposta, li permezz taghha l-intimati sintetikament issottomettew is-segwenti, (ara foll 12):

4.1. Illi essenzjalment l-intimati irrepetew il-lanjanzi precedentement elenkati fir-risposta taghhom;

4.2. Illi *di piu`*, in vista tal-istess issottomettew is-segwenti talbiet lil din il-qorti li ghalhekk ghandha ukoll:

4.2.1. Tiddikjara li l-ebda ammont m'hu dovut mill-intimati lis-socjeta` rikorrenti u/jew li;

4.2.2. Tiddikjara li l-ammont pretiz hu inkorrett jew infondat;

4.2.3. Tordna li kwalunkwe debitu akkollat fuq l-intimati fl-*"accounts"* tas-socjeta` rikorrenti jitregga lura;

4.2.4. Tordna wkoll li l-krediti dikjarati favur l-intimati u lilhom dovuti mis-socjeta` rikorrenti jigu ri-integrati ghall-ammonti li kienu jirrizultaw qabel ma saru l-*"offsets"* frawdolenti;

4.2.5. Bl-ispejjez kontra s-socjeta` rikorrenti;

4.2.6. B'riserva ghal kull dritt u azzjoni;

5.0. Rat ir-risposta tas-socjeta` rikorrenti ghall-kontro-talba tal-intimati datata t-12 t'Ottubru, 2010, li permezz taghha sintetikament irrispondiet bil-mod segwenti, (ara foll 19):

5.1. Illi William Carbonaro hu debitament awtorizzat biex jirrapprezenta lis-socjeta` rikorrenti fil-procedura odjerna, (ara foll 22 sa 38);

5.2. Illi t-talbiet rikonvenzjonali huma frivoli u vessatorji;

5.3. Illi l-pretensjonijiet tas-socjeta` rikorrenti huma korretti u ben fondati;

5.4. Illi fir-rigward tat-tieni (2) talba rikonvenzjonanti l-intimati rikonvenzjonanti ghandhom juru l-allegati debiti fl-*“accounts”* tas-socjeta` rikorrenti;

5.5. Illi t-talbiet kollha tal-intimati rikonvenzjonanti ghandhom jigu respinti;

5.6. Illi s-socjeta` rikorrenti ddebitat lill-intimati biss bl-ammont pretiz fir-rikors promotur, u dan, ghall-uzu tal-“*office space*” mill-intimat Raymond Vassallo fil-fond *de quo*;

5.7. Salv risposti ulterjuri;

5.8. Bl-ispejjez kontra l-intimati rikonvenzjonanti;

6. Rat id-digriet taghha datat is-16 ta’ Novembru, 2017, li permezz tieghu, wara talba appozita tal-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet, awtorizzat lill-istess biex jittrattaw il-procedura odjerna bil-modalita` u fit-termini hemm indikati, (ara foll 309);

7. Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet tas-socjeta` rikorrenti datata l-31 ta’ Jannar, 2018, (ara foll 323), flimkien ma dik tal-intimati datata l-4 t’April, 2018, (ara foll 358 A), u dik finali tas-socjeta` rikorrenti datata d-9 ta’ Mejju, 2018, (ara foll 366), dik tal-intimati datata t-30 ta’ Mejju, 2018, (ara foll 382), u l-kontro-rapplika tas-socjeta` rikorrenti datata l-15 ta’ Gunju, 2018, kif debitament awtorizzati, (ara foll 389);

8. Semghet ix-xhieda prodotta;

9. Ezaminat id-dokumenti kollha esebiti, inkluzi d-dikjarazzjonijiet guramentati pprezentati *in atti*;

10. Semghet it-trattazzjoni orali finali tal-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

11.0. Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura odjerna jistghu jigu sintetikament elenkati bil-mod segwenti:

11.1. Illi s-socjeta` rikorrenti qed titlob li l-intimati jigu ikkundannati jhallsuha s-somma ta' €16,623.04, ghall-arretrati ta' kera dovuti ghall-uzu tal-fond in mertu, ghas-snin 2000 sa 2007, (ara paragrafu numru wiehed punt wiehed, (1.1.), aktar qabel u foll 73), flimkien ma spejjez ohra relatati mal-manutenzjoni tal-istess fond u tal-partijiet komuni, u l-imghaxijiet relattivi;

11.2. Illi skont il-persuna li kien izomm il-kotba tas-socjeta` rikorrenti is-somma originarjament mitluba mill-istess socjeta` giet ridimenzjonata fl-ammont ta' hmistax -il elf mija u hamsa u sebghin euro u tnejn u sittin centezmu, (€15,175.62), (ara foll 71 u 99);

11.3. Illi l-appartament in mertu hu proprjeta` tas-socjeta` rikorrenti, (ara foll 44);

11.4. Illi l-kontestazzjoni bejn il-kontendenti tirrigwarda l-fatt jekk l-intimat Raymond Vassallo kienx juza l-imsemmi appartament bhala ufficju ta' perit flimkien ma periti ohra;

11.5. Illi l-intimat Raymond Vassallo kien ihallas il-kera regolarment ghall-uzu tal-istess fond fil-perjodu bejn l-1995 u s-sena 2000, (ara foll 44);

11.6. Illi fl-2007 is-socjeta` rikorrenti ttrasferiet il-post lil terzi, (ara foll 74);

11.7. Illi min-naha taghhom l-intimati jirribattu li l-ammont massimu li huma ghandhom jaghtu lis-socjeta` rikorrenti hu ta' €380.25, (ara foll 362);

11.8. Illi konsegwentement qed jikkontestaw it-talbiet tas-socjeta` rikorrenti bil-qawwa kollha;

11.9. Illi *di piu`* isosstnu li bejniethom qatt ma kien hemm ftehim jew prattika ta' kera;

11.10. Illi jsosstnu wkoll li l-kreditu mitlub mis-socjeta` rikorrenti kien manipulat mill-Bord tad-Diretturi tal-istess socjeta`;

11.11. Illi l-intimati jsosstnu wkoll li l-intimat Raymond Vassallo kellu dritt li jokkupa l-fond in kwistjoni kwantu kien direttur tal-istess socjeta` rikorrenti;

11.12. Illi finalment isosstnu wkoll li l-intimat Raymond Vassallo kien jaghmel xi xoghol *freelance* u ghalhekk, li jithalla juza l-ufficcju in dizamina kienet procedura ragonevoli in vista tax-xoghol *freelance* li hu kien irrenda lill-istess socjeta` rikorrenti;

11.13. Illi fil-kontro-talba taghhom l-intimati rikonvenzjonanti talbu lill-qorti biex tiddikjara li l-ammont pretiz mis-socjeta` rikorrenti mhux dovut minnhom u li kwalunkwe debitu allokat kontra l-intimat Raymond Vassallo fl-*accounts* tas-socjeta` rikorrenti jitregga lura waqt li l-krediti hemm addebitati lilu jigu ri-integrati fl-ammonti li kienu qabel ma saru l-*offsets* frawdolenti kif minnhom allegat;

Ikkunsidrat:

12.0. Illi fir-rigward tal-eccezzjonijiet preliminari sollevati mill-intimati jinghad sintetikament is-segwenti:

12.1. Rigward l-allegat **Difett t'Awtorizzazzjoni** tas-socjeta` rikorrenti:

12.1.1. Illi minn ezami tar-rizoluzzjoni tal-Bord tad-Diretturi tas-socjeta` rikorrenti datata l-10 ta' Jannar, 2009, (ara foll 22), u mill-minuti tal-laqgha tal-istess Bord datati l-24 ta' Marzu, 2009, (ara foll 23 riprodotta a foll 277), jirrizulta li William Carbonaro kien debitament awtorizzat biex jipprocedi gudizzjarjament kif ghamel, kontra l-intimati;

12.1.2. Illi konsegwentement, din l-ewwel (1) eccezzjoni preliminari tal-intimati ghandha tigi respinta;

Ikkunsidrat:

12.2. Rigward l-allegat **Nuqqas ta' Certezza** fir-rikors promotur:

12.2.1. Illi l-intimati jissottomettu li t-talbiet tas-socjeta` rikorrenti mhumiex sufficjentement cari, (ara paragrafu numru tlieta punt tnejn, (3.2.), aktar qabel u foll 8);

12.2.2. Illi pero` minn ezami tat-talbiet tas-socjeta` rikorrenti, (ara foll 142), kif sussegwentement ridimenzjonati, (ara foll 71 u 99), din il-qorti ma jirrizultala xejn minn dan in-nuqqas allegat mill-intimati;

12.2.3. Illi minflok, jirrizulta bil-maqlub li t-talbiet tas-socjeta` rikorrenti huma ampjament cari u univoci;

12.2.4. Illi konsegwentement, anke din it-tieni (2) eccezzjoni preliminari tal-intimati ghandha tigi respinta;

Ikkunsidrat:

13.0. Illi fir-rigward tal-**mertu** veru u proprju tal-vertenza in dizamina, sintetikament isiru s-segwenti konsiderazzjonijiet:

Ikkunsidrat:

13.1. L-**allegazzjoni ta' Ftehim Lokatizju** biex l-intimat Raymond Vassallo juza l-appartament in dizamina bhala ufficcju tieghu:

13.1.1. Illi dan il-ftehim lokatizju effettivament jirrizulta mill-atti processwali, (ara d-dokument intitolat "*Lease Fees*" a foll 49 u 108);

13.1.2. Illi fir-rigward ta' din il-kera hawn in dizamina jirrizulta fil-fatt li l-intimat

Raymond Vassallo hallas il-*canone* pattwit ghall-perjodu bejn l-1995 u l-2000 billi sehmu tnaqqas mir-rikavat tax-xoghol professjonali tieghu, (ara foll 72);

13.1.3. Illi l-kera dovuta ghall-istess skop ghall-perjodu bejn l-2000 u l-2007 kienet giet addebitata lill-kont tal-istess intimat Raymond Vassallo mas-socjeta` rikorrenti, (ara foll 73 u 71 u 99);

13.1.4. Illi min-naha tieghu, ghalkemm l-intimat Raymond Vassallo jallega mod iehor, u kellu l-posizzjoni ta' Direttur fis-socjeta` rikorrenti, fil-fatt ma gab l-ebda prova konkreta u legalment sostenibbli li hu kellu xi dritt ghall-uzu b'xejn tal-proprjeta` tas-socjeta` rikorrenti;

13.1.5. Illi *a contrario sensu* l-istess intimat Raymond Vassallo jirrizulta identifikat bhala "*Tenant*" – kerrej – tas-socjeta` rikorrenti, (ara foll 49 u 108);

13.1.6. Illi jigi wkoll sottolineat li l-imsemmi intimat Raymond Vassallo kien addirittura regolarment jircievi "*statements*" mis-socjeta` rikorrenti biex ihallasha l-kera minnu lilha dovuta, (ara foll 49 sa 53, 57 u 67);

13.1.7. Illi in effetti jirrizulta li l-istess intimat Raymond Vassallo kien ihallas il-kera minnu dovuta ghall-perjodu mill-1995 sal-2010;

13.1.8. Illi kien biss fl-2008 li l-imsemmi intimat beda jikkontesta l-ftehim tal-kera in kwistjoni, (ara foll 389);

13.1.9. Illi in vista tal-premess it-tielet (3) u l-hames (5) eccezzjonijiet sollevati mill-intimati, (ara foll 8 u 9), ghandhom jigu respinti;

Ikkunsidrat:

13.2. **L-allegazzjoni ta' Tpacija** ghal xoghol "*freelance*" kondott mill-intimat Raymond Vassallo:

13.2.1. Illi l-intimat hawn indikat jissottometti li hu kien juza l-ufficcju fl-appartament mertu tal-procedura odjerna ghal xoghol "*freelance*", jew ahjar "xoghol awtonomu", (ara foll 359);

13.2.2. Illi ghalhekk l-istess intimat jissottometti li ghandu jkun hemm tpacija ghal dan ix-xoghol bl-uzu tal-ufficcju fil-fond in dizamina;

13.2.3. Illi *di piu`* isosstni wkoll li l-periti l-ohra imdahhlin fis-socjeta` rikorrenti li stabbilew bejniethom kienu addirittura ibbenefikaw huma wkoll mill-istess xoghol li hemm ikkonduca, (ara r-raba (4) eccezzjoni a foll 9);

13.2.4. Illi f'dan ir-rigward l-artiklu 1197 (1) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta, (minn issa 'l quddiem Kap 16), jistabbilixxi s-segwenti:

> "It-tpacija ssir biss bejn zewgt idjun li jkollhom it-tnejn bhala oggett somma ta' flus, jew kwantita` determinata ta' hwejjeg fungibbli tal-istess speci, u li jkunu t-tnejn likwidi u li jistghu jintalbu";

13.2.5. Illi ghalhekk ghandu jkun pacifiku li biex tapplika t-tpacija hekk awspikata mill-imsemmi intimat jinhtieg li jkun hemm:

13.2.5.i. Reciprocita` tal-kreditu u tad-dejn; u

13.2.5.ii. Li l-istess ikunu fil-persuni koncernati;

13.2.6. Illi konsegwentement, meta d-dejn in dizamina – bhal dak allegat mill-imsemmi intimat Raymond Vassallo – ma jkunx wiehed likwidu, allura t-tpacija hawn minnu vantata ma tkunx tista ssir;

13.2.7. Illi *di piu`*, t-tpacija in kwistjoni lanqas tista' ssir jekk is-somma in materja tkun kontestata – bhal ma hu wkoll fil-kaz odjern meta hu l-istess intimat li qed jikkontesta s-somma *de quo*;

13.2.8. Illi in effetti l-imsemmi intimat beda jikkontesta d-dejn lilu indirizzat mis-socjeta` rikorrenti sa mis-sena 2007, meta hu waqaf jiffirma l-*accounts* tas-socjeta` *de quo* billi ma bediex jirrikonoxxi li kellu jhallas il-kera ghall-uzu tal-ufficcju fil-fond *de quo*;

13.2.9. Illi aktar minn hekk jirrizulta wkoll li s-socjeta` rikorrenti tikkontesta l-allegazzjoni tal-intimati li hi debitrici taghhom u li hemm ammont minnha dovut lill-intimati;

13.2.10. Illi in vista tas-suespost mhux possibbli li ssir tpacija bejn il-kontendenti u konsegwentement, ir-raba (4) eccezzjoni sollevata mill-intimati, (ara foll 9) ghandha tigi respinta;

Ikkunsidrat:

13.3. L-uzu tal-**ufficcju tas-socjeta` rikorrenti** daparti t'Anthony Parlato Trigona:

13.3.1. Illi jigi immedjatament sottolineat li jekk l-imsemmi Parlato Trigona kienx ihallas jew le l-kera lis-socjeta` rikorrenti ghall-uzu ta' ufficcju fl-istess fond hawn in dizamina hu ghal kollox estraneu u irrilevanti ghall-mertu ta' din il-vertenza bejn dawn il-kontendenti partikolari indikati fl-okkju tal-procedura odjerna;

13.3.2. Illi dan qieghed jinghad ghaliex is-socjeta` rikorrenti – *qua* proprjetarja tal-fond in dizamina – tista' liberament tiddeciedi x'taghmel bil-proprjeta` taghha *tramite* l-organi decizjonali li jiggvernawha, u b'hekk hi meqjusa wkoll libera li tiddetermina xi hlasijiet titlob fir-rigward;

13.3.3. Illi in effetti jirrizulta assodat li l-imsemmi Parlato Trigona ma kienx intalab ihallas kera ghall-uzu minnu tal-ufficcju *de quo*;

13.3.4. Illi ghandu jigi wkoll sottolineat li l-atitudini mehuda mis-socjeta` rikorrenti fil-konfront ta' Parlato Trigona ma tistax tigi meqjusa li hi l-istess atitudini li ttiehdet awtomatikament fil-konfront tal-intimat Raymond Vassallo *stante* li z-zewg negozji huma ghal kollox separati u distinti minn xulxin;

13.3.5. Illi in vista tas-suespost anke l-ghaxar (10) eccezzjoni tal-intimati, (ara foll 10), ghandha tigi respinta;

13.4. L-allegata **diskriminazzjoni illecita** tas-socjeta` rikorrenti kontra l-intimati:

13.4.1. Illi l-intimati jallegaw diskriminazzjoni kontra taghhom mis-socjeta` rikorrenti meta ghax-xoghol kondott minn Parlato Trigona ghall-ghoti tal-*visas* ghat-Tailandia ma talbet l-ebda kumpens kuntrarju ghax-xoghol awtonomu kondott mill-intimat Raymond Vassallo meta t-tnejn kienu qed juzaw ufficcji sitwati fil-fond mertu ta' din il-procedura;

13.4.2. Illi tirrileva immedjatament f'dan ir-rigward li din il-qorti ma tara l-ebda rilevanza tas-suespost ghall-mertu tal-procedura odjerna;

13.4.3. Illi konsegwentement hi tal-fehma li m'ghandiex ghalfejn tindaga ulterjorment fir-rigward jew li tindaga jekk verament kienx hemm l-interruzzjonijiet fis-servizz li l-imsemmi intimat kellu fl-operat awtonomu tieghu kif minnu allegat, (ara foll 9);

13.4.4. Illi jinghad ghalhekk li l-eccezzjoni in dizamina hi inkonsekwenzjali u irrilevanti;

13.4.5. Illi jigi wkoll sottolineat li effettivament l-obbligu primarju tal-intimat *de quo* kien li bhala inkwilin kellu jara li jhallas il-kera minnu dovut b'mod puntwali u ma jistax unilateralment jirrikorri ghal diversivi inutili biex ma jhallasx il-*canone* minnu dovut;

13.4.6. Illi jigi rilevat f'dan l-istadju li minkejja r-riservi kollha li l-istess intimat in dizamina ssolleva fl-azzjoni odjerna jirrizulta li xorta wahda baqa' jopera mill-appartament in kwistjoni u ma intavola l-ebda prova sodisfacenti rigwardanti xi molestji li sofra minhabba l-attivita` tieghu;

13.4.7. Illi f'dan l-istadju ssir referenza ghall-artiklu 1550 tal-Kap 16 li f'dan ir-rigward jistabbilixxi bi kjarezza s-segwenti:

> "Sid il-kera mhux obbligat jaghmel tajjeb lill-kerrej ghall-molestji li terzi persuni, b'ghemilhom, jikkagunawlu fit-tgawdija tal-haga, meta dawn il-persuni ma jkunux jippretendu xi jedd fuq il-haga mikrija, bla hsara tal-jedd tal-kerrej li jagixxi kontra dawk il-persuni fl-isem tieghu nnifsu";

13.4.8. Illi in vista tal-premess anke is-sitt (6) eccezzjoni tal-intimati hawn ezaminati ghandha tigi respinta;

Ikkunsidrat:

13.5. Illi rigward is-sebgha (7), it-tmin (8) u id-disgha (9) eccezzjonijiet tal-intimati li essenzjalment jiffurmaw il-**Kontro-Talba** tal-intimati jinghad sintetikament is-segwenti:

13.5.1. Illi l-intimati ma ressqu l-ebda prova rigwardanti xi agir frawdolenti da parti tas-socjeta` rikorrenti kif minnhom allegat, (ara foll 7);

13.5.2. Illi fir-rigward, bl-allegazzjoni tal-intimati li kien jirrizulta li kien hemm xi ammonti dovuti lilhom,

jirrizulta minn ftehim t'assenjazzjoni datat l-20 ta' Dicembru, 2011, (ara foll 278), li l-allegat kreditu kien assenjat lis-socjeta` *Eleanor Limited*;

13.5.3. Illi rizultat tal-istess ftehim t'assenjazzjoni allura l-kontro-talbiet tal-intimati rikonvenzjonanti gew ezawriti, u konsegwentement l-imsemmija sebgha (7), tmin (8), u disgha (9) eccezzjonijiet formanti wkoll il-Kontro-Talba tal-intimati rikonvenzjonanti ghandhom jigu respinti;

Ikkunsidrat:

14.0. Illi minn ezami tal-atti kollha jirrizulta li l-bilanc tal-kera ta' €15,175.62, (ara foll 71 u 99), kif mitlub mis-socjeta` rikorrenti fil-konfront tal-intimati jirrizulta effettivament dovut mill-istess intimati, u dan:

14.1. Kemm mill-"*working papers*" tal-awditur Carmel Fenech, (ara foll 91 u 95);

14.2. Kemm mid-Dokument immarkat Dok CF1 tal-istess awditur indikat fil-paragrafu precedenti, (ara foll 213); u

14.3. Mill-*e-mail* datata l-10 ta' Jannar, 2005, mibghuta mill-istess intimat Raymond Vassallo lill-Parlato Trigona u Carbonaro li qed jirrapprezenta lis-socjeta` rikorrenti fl-atti ta' din il-procedura, (ara foll 283 u 284);

Ikkunsidrat:

15. Illi jigi wkoll finalment osservat li l-intimati ma jirrizultax li pprezentaw xi prova li biha juru li l-intimat Raymond Vassallo kellu id-dovut permess regolarment rilaxxat mis-socjeta` rikorrenti li permezz tieghu juri li kien debitament awtorizzat biex juza l-ufficcju mertu tal-procedura odjerna ghall-iskopijiet personali tieghu minghajr hlas;

16. Illi ovvjament, l-operat tal-partijiet in dizamina jrid jirrifletti d-dettam tal-artiklu 136 A (3) (d) tal-Kap 386 li sintetikament

jistabbilixxi li diretturi ta' kumpanija m'ghandhomx juzaw il-proprjeta` tal-kumpanija ghall-beneficcju taghhom hlief bil-kunsens tal-kumpanija f'laqgha generali jew skont il-*memorandum* u l-istatut t'assocjazzjoni tal-istess kumpanija;

17. Illi gialadarba din l-awtorizzazzjoni jew kunsens ma jirrizultax li nghata allura l-intimat Raymond Vassallo ma kellu l-ebda dritt li juza l-ufficcju tas-socjeta` rikorrenti ghall-iskopijiet privati tieghu minghajr hlas;

Ikkunsidrat:

18.0. Illi in vista tal-premess din il-qorti tqis li s-socjeta` rikorrenti ppruvat it-talbiet taghha kif ridotti, u konsegwentement:

**DECIDE:**

18.1. Takkolji t-talbiet tas-socjeta` rikorrenti;

18.2. Tirrespingi r-risposti tal-intimati;

18.3. Tirrespingi wkoll il-kontro-talba tal-intimati rikonvenzjonanti;

18.4. Takkolji r-risposti tas-socjeta` rikonvenzjonata ghal-kontro-talbiet tal-intimati rikonvenzjonanti;

18.5. Tiddikjara ghalhekk li l-intimati Raymond u Mariella konjugi Vassallo ghandhom jaghtu lis-socjeta` rikorrenti *Windsor Holdings Limited* l-ammont ta' hmistax -il elf mija u hamsa u sebghin euro u tnejn u sittin centezmu, (€15,175.62);

18.6. Tikkundanna lill-istess intimati fuq indikati jhallsu l-ammont indikat fil-paragrafu precedenti lill-imsemmija socjeta` rikorrenti;

18.7. Bl-ispejjez kif dedotti fl-istess rikors promotur kontra l-intimati u bl-imghaxijiet ulterjuri mill-1 ta' Lulju, 2010, kontra l-istess intimati, u dan, sad-data tal-pagament effettiv.

__________________________

Onor. Imhallef Silvio Meli

**DECIZJONI FINALI**